32006D0934

15.12.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 355/103

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## ta' l-14 ta' Diċembru 2006

## dwar l-issoktar fis-sena 2007 ta' provi u testijiet komparattivi Komunitarji fuq żrieragħ u materjal ta' propagazzjoni ta' l-*Aspargus officinalis* L. skond id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE li ngħataw bidu fl-2005

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2006/934/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-*marketing* ta' żrieragħ tal-ħxejjex ([1]),

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/5/KE tas-27 ta' Diċembru 2004 li tfassal l-arranġamenti għall-provi u testijiet komparattivi tal-Komunità fuq żrieragħ u materjal għall-propagazzjoni ta' ċerti pjanti ta' speċi agrikola u veġetali u ta' dwieli taħt id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 92/33/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE, 2002/56/KE u 2002/57/KE għas-snin 2005 sa l-2009 ([2]), u partikularment l-Arikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2005/5/KE tistipula l-arranġamenti għal provi komparattivi u testijiet li għandhom isiru taħt id-Direttiva 2002/55/KE fir-rigward ta' l-*Asparagus officinalis* L. mill-2005 sa l-2009.

(2) It-testijiet u l-provi mwettqa fl-2005 u l-2006 għandhom jissoktaw fl-2007,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ

*Artikolu Waħdieni*

Il-provi komparattivi u t-testijiet Komunitarji li bdew fl-2005 dwar iż-żrieragħ u materjal ta' propagazzjoni ta' l-*Asparagus officinalis* L. għandhom jissoktaw fl-2007 skond id-Deċiżjoni 2005/5/KE.

Magħmul fi Brussel, 14 ta' Diċembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2004/117/KE.

([2]) ĠU L 2, 5.1.2005, p. 12.